MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 20/2005

**Il-Pulizija**

**Vs**
Josef Maher

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-2 t'Awissu, 2000 u/jew f'xi data qabel fil-Pieta' kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu billi kien depozitat ghandu Satellite Receiver Anstat DSR 2100C1, numru tas-serju 000009, minghajr ma kellu licenzja bi ksur tal-Kapitolu 49 tal-Ligijiet ta' Malta, liema importazzjoni tal-oggett hawn fuq imsemmi hija projbita u/jew ristretta. Dan ghandu valur ta' LM80.00,0, dazju LM6.48 u valur totali ta' LM86.48,0 u li fuqu tithallas taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghall-LM12.97,0 liema dazju w taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur**

**tal-Artikolu 60(a)(b)(c)(k), l-Artikolu 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 u bi ksur tal-Artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII tal-1998).**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Jannar, 2005 li biha, wara li rat l-Avviz Legali 422/2004 imsejjah Wireless Telegraphy Ordinance (Amendment of Schedule) Regulations 2004, ma sabitx lill-imputat hati w illiberatu mill-akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-2 ta' Frar, 2005 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok, anke minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, jew tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti ghall-procediment bis-smigh tal-kawza w decizjoni rigward l-imputazzjoni skond l-artikolu 62(h) tal-Kapitolu 37, jew wara li tirrevedi l-istess apprezzament ta' fatt maghmul mill-Qorti Inferjuri, ssib u tiddikjara htija tal-istess appellat f'din l-akkuza w tinfliggi l-piena skond il-ligi, nkluz l-ordni ta' konfiska tal-oggett in kwistjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali jikkonsistu filli l-Ewwel Qorti erronjament illiberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet migjuba kontrih ghaliex irriteniet li ghalkemm l-imputat zamm ghandu jew laqgha ghandu oggett li fuqu ma thallasx dazju w ma kienx kopert bil-licenzja relattiva, ma rrizultax li llum il-gurnata dak il-fatt baqa' jikkostitwixxi reat u ghalhekk injorat ghal kollox il-fatt li l-fatt addebitat kien jirrizali ghal qabel l-1 ta' Mejju 2004 u kwindi kien jezorbita kompletament l-operat u effikacja tal-Avviz Legali numru 422 tal-2004. Invece l-fatt addebitat kellu jibqa jigi trattat u ezaminat skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitoli 49, 37 u tal-Att numru XXIII tal-1998. Inoltre f'kull kaz l-Ewwel Qorti kellha certament tordna l-konfiska tal-oggetti mertu tal-kawza odjerna.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fis-seduta tal-lum fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tal-lum li bih Dr. Ian Farrugia ghall-appellat jiddikjara li qed jirremmettu ruhu ghat-talba kontenuta fir-rikors tal-appell kif cirkostritta fl-ahhar paragrafu w jaderixxi ghall-istess.

Ikkonsidrat :

Peress illi l-aggravju tal-Avukat Generali jidher gustifikat u l-Ewwel Qorti ma setghetx tillibera lill-appellat mill-akkuza dedotta kontra tieghu fuq il-bazi li jinghid fis-sentenza, tilqa’ l-istess appell u tirrevoka s-sentenza appellata w biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppju ezami tordna lid-Deputat Registratur li jibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga jigi deciz mill-gdid fuq il-mertu skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------